# Il-ħajja, il-kunflitt, il-fidi u n-nazzjon: l-uċuħ tal-mixja ta' fidi ta' Oliver Friggieri

***Diskors tar-Rev. Dott. Jonathan Farrugia fit-tnedija tal-ħarġa speċjali ta'* Il-Malti *dwar l-Professur Oliver Friggieri***

*L-Akkademja tal-Malti f'Novembru 2024 nediet ħarġa speċjali tar-rivista tagħha,* Il-Malti *li tiġbor seba' studji dwar il-Professur Oliver Friggieri. Dawn kienu ġew ippreżentati f'konferenza akkademika* Aħna ġejna mill-ġenna: L-ispiritwalità fil-ħajja u l-kitba ta' Oliver Friggieri *li saret f'Marzu 2022. Fost l-opri letterarji ta' Friggieri li ġew studjati kien hemm* Fil-Parlament ma jikbrux fjuri, La jibnazza niġi lura, Tislima lil Kristu Sidna: quddiem il-Kurċifiss *u* L-Istramb *flimkien ma' għadd ta' poeżiji oħra li jitrattaw temi bħall-ekoloġija, l-eżistenzjaliżmu u l-fraġilità, id-dissens u l-ikonizzazzjoni nazzjonali. Il-konferenza kienet ġiet organizzata mill-Akkademja tal-Malti, l-Istitut Karmelitan u d-Dipartiment tal-Malti tal-Università. Dott. Glen Attard hu l-editur ta' din il-ħarġa ta'* Il-Malti. *Is-serata tat-tnedija saret nhar il-21 ta' Novembru 2024, fil-Palazz ta' San Anton, taħt il-Patronċinju tal-President tar-Repubblika Myriam Spiteri Debono u matulha nqraw xi poeżiji ta' Oliver Friggieri minn Mario u Nathalie Micallef u Marceline Galea, filwaqt li oħrajn tkantaw minn Diane Micallef u Vince Fabri. Għal din l- okkażjoni sar dan id-diskors:*

Eċċellenza President ta' Malta, membri tal-Akkademja tal-Malti u tad-Dipartiment tal-Malti, qraba tal-Professur Oliver Friggieri, mistiedna distinti, Sinjuri.

Nixtieq nibda dawn il-kelmtejn tal-lejla bil-poeżija bikrija *Xortija* tal-poeta li qed infakkru f'din is-serata:

> *Ħassejtni kemm-il darba qiegħed negħreq*
> *bil-lejl fin-nofs ta' baħar. Rajtni mdendel*
> *ma' ħajta li ma riedet b'xejn tinqata',*
> *biex ngħib f'irdum. Stħajjilt il-karti kollha*
> *li mlejt bil-kitba tiegħi qed jinħarqu*
> *f'ħuġġieġa nar li ħadd ma seta' jitfi.*

*Sibt ruħi, fuq il-forka qed nistenna*
*b'għajnejja mgħottijin it-tmiem bla ħtija.*

*U din, ħabib, m'hix ħrafa. Din xortija!*

F'għajnejja, bħala wieħed li m'iniex espert fl-istudju tal-poeżija Maltija, dal-ftit versi jiġbru fihom l-esperjenza/ix-xorti tal-poeta, hu min hu, kemm matul ħajtu, kif ukoll wara mewtu. Illejla dan il-poeta huwa wieħed mill-pilastri kontemporanji tal-istudju u tal-iżvilupp ta' lsienna. Il-ġabra ta' studji li qed jiġu mnedija llejla fil-ħarġa speċjali tar-riviżta li tagħti ġieħ lil-lingwa Maltija mhux biss iżommu ħajja t-tifkira tiegħu, bħal dik il-ħajta li magħha kien imdendel u li ma riedet tinqata' b'xejn, imma fl-istess ħin dawn jagħtu wkoll forma ta' ġudizzju fuq aspett minn xogħlu waqt li hu ma jista' jżid xejn aktar ma' dak li qal u għamel, bħal dak l-ikkundannat fuq il-forka, jistenna t-tmiem bil-għamad jgħattilu għajnejh.

Is-seminar li fih kienu ġew ippreżentati dawn is-seba' studji sentejn u nofs ilu kellu bħala tema l-ispiritwalità fil-ħajja u l-kitba ta' Oliver Friggieri, u għalhekk li kull wieħed minnhom b'mod jew b'ieħor immiss mat-tema tal-mixja interjuri ta' dan il-poeta lejn dak li hu ikbar mill-bniedem. Silta mid-daħla editorjali ta' dan il-volum, miktuba mill-kollega Dott. Glen Attard tagħtina ħjiel tat-temi differenti li jinġabru f'dawn l-istudji:"Seba' kelliema esploraw aspetti differenti tal-ispiritwalità ta' Friggieri, kollha kemm huma bit-tir li joħorġu d-dimensjoni fundamentali tal-ħarsa kontemplattiva ta' Friggieri fuq il-madwar. Mill-ħarsa lejn il-fraġilità tiegħu nnifsu u d-dissens lejn is-soċjetà Maltija hija u tinbidel radikalment maż-żmien, għall-ħarsa lejn it-tiġrib li jġibu l-istituzzjonijiet soċjali, għall-ħarsa lejn l-integrità tal-ħolqien u l-kundizzjoni ħlejqija, għall-ħarsa lejn il-logħba qawwija bejn il-fidi u l-politika, Kristu u l-Knisja, għall-ħarsa lejn ir-reliġjon bħala sies u għajn ta' għaqda ta' ġens, għall-ħarsa lejn it-taqbida bejn il-moħħ u l-qalb fil-materja tal-fidi u t-tbatija fejjieda tas-salib, għall-ħarsa, fl-aħħar nett, lejn il-kategoriji eżistenzjali tal-imħabba, il-mewt, u Alla"

Fl-analiżi tiegħi dawn jistgħu jinqasmu f'erba' oqsma: il-ħajja, il-kunflitt, il-fidi u n-nazzjon. Kull waħda minn dawn, kif jidher sewwa fl-istudji li

għandna miġbura f'idejna llum, ħażżet mogħdija fil-ħajja ta' Friggieri li wasslitu għal għarfien ġdid fit-tfittixija profonda tiegħu. Ikun żball jekk kull wieħed minn dawn l-istudji jingħalaq f'niċċa waħda, għax fir-realtà kollha jolqtu aktar minn qasam wieħed. Li se nipprova nagħmel fil-ftit ħin li fadalli huwa li nagħti xi ħsibijiet ta' kif kull studju jgħaqqad flimkien dawn it-temi.

It-tema tal-ħajja fil-mixja spiritwali ta' Oliver Friggieri tidher b'mod partikulari, imma mhux biss, fl-istudji ta' Beverly Agius, Robert Farrugia u Adrian Grima. Nemmen li l-istudju ta' Agius, "Il-Jien fil-Ħolqien: l-Ispiritwalità Ekoloġika fil-Poeżiji ta' Oliver Friggieri", ipoġġi l-pedament għal dak kollu li jiġi wara, u mhux ta' b'xejn għalhekk li tpoġġa l-ewwel f'din il-ġabra. It-tema tal-ħolqien u l-ekoloġija jimmarkaw il-bidu ta' kull mixja spiritwali. Il-bniedem ma' jistax jibda miexi lejn xi ħaġa li tiġbdu u xxenqu jekk l-ewwel u qabel kollox ma jagħrafx il-qagħda tiegħu bħala ħlejqa fil-ħolqien. Wara dan l-ewwel pass, meta jagħraf, iħobb, jirrispetta u jħares il-kuntest naturali li fih jgħix, jista' l-bniedem ikompli jikber. Il-mument li l-bniedem jinsa għeruqu, tikber fih il-*hubris* u l-mixja spiritwali tiegħu lejn dak li hu "l-ieħor" tieqaf u jispiċċa jdur fi ċrieki miegħu nnifsu. Għalhekk l-għodda meħtieġa fil-ħajja biex il-mixja tibqa' sejra fid-direzzjoni t-tajba hija l-umiltà, u hawn jidħol il-valur tal-istudju ta' Farrugia, "'Il Barra fil-Fond: Alla, l-Imħabba u l-Mewt fl-Eżistenzjaliżmu ta' Oliver Friggieri". Meta l-bniedem, bħall-poeta, jibqa' f'postu – jibqa' umli – u jħares 'il fuq lejn dak li huwa akbar minnu, jasal biex verament jikber għax jiddakkar u jimtela minn dak li lejh iħares. U hu għalhekk, bħalma jgħid sewwa Farrugia, l-umiltà tiegħu tgħaqqad il-poeta mal-filosfu, il-qalb mal-moħħ u l-fidi mar-raġuni. L-għażla ta' Friggieri li jagħti l-prijorità lill-poeta, lill-qalb u lill-fidi hija xhieda ta' kemm tassew kien kbir, għax din l-għażla turi li dejjem għaraf li għandu aktar fejn jimraħ u jikber. Iżda din mhux dejjem hija esperjenza serena u qatt ma hija esperjenza faċli, bħalma juri fl-istudju tiegħu Grima "Oliver Friggieri: il-Fraġilità, id-Dissens u l-Ikonizzazzjoni Nazzjonali". Fl-esperjenza tal-ħajja, fejn il-bniedem suppost huwa l-protagonist, spiss jiġi mċekken għal spettatur jew vittma fejn ma għandux kontroll lanqas fuq id-direzzjoni ta' ħajtu, li spiss hija bħal ferrovija li tibqa' sejra mmexxija mill-*momentum* tagħha stess. Il-poeta, madanakollu għandu l-għodda biex bl-arti tiegħu

jibdel dak kollu li hu inkoerenti, storbjuż u ta' dwejjaq f'xi ħaġa sabiħa… u għalhekk ikompli jikber u l-mixja tista' tkompli.

Il-kunflitt ma jistax jonqos mill-ħsieb ta' kull min juża r-raġuni li biha huwa mżejjen bħala bniedem. Iż-żewġ studji li fihom dan jispikka huma dawk ta' David Aloisio u ta' Romario Sciberras. Aloisio, fost temi oħrajn fl-istudju tiegħu "L-Ispiritwalità 'Antiklerikali' ta' Karlu Manju", jitkellem dwar l-antiklerikaliżmu ta' karattru ħassieb li kien jemmen li l-Kristjaneżmu biss jista' joffri forma ta' tmexxija li tista' tkun ta' ġid għall-poplu Malti. Madanakollu, fl-istess ħin, l-istituzzjoni li għandha d-dmir u s-sejħa li xxettel din is-sistema reliġjuża fis-soċjetà Maltija – il-Knisja – tibqa' dejjem tkun kawża ta' kunflitt interjuri fih għaliex minħabba l-partiġġjaniżmu tagħha tbegħdet mill-messaġġ oriġinali ta' dak li waqqafha. Sciberras fl-artiklu tiegħu "Alla huwa kontra Alla? L-Ispiritwalità fir-Rumanz *L-Istramb*. Perspettivi Foucaultjani u Queer", mill-banda l-oħra, jistudja d-dinamika konfliġġenti li tidher f'rumanz ta' Friggieri bejn ir-realtà "ideali" msawra fuq normi aċċettabbli u oħrajn li għandhom jitwarrbu u r-realtà aktar "reali" tal-passjonijiet tal-bniedem fejn dak li jħoss mhux dejjem jaqbel ma' dak li tiddetta n-norma. Il-mixja tal-għarfien tal-persuna ta' dak li hi u ta' dak li tħoss hija parti fundamentali fil-vjaġġ spiritwali; u dan jista' jitkompla biss meta r-realtà reali li semmejt ftit 'il fuq tiġi milqugħa bħala forma oħra ta' norma li tiftaħ orizzonti li sa ftit ilu kienu mjassra u msikkta.

Forsi l-aktar tema li faċli norbtu mal-ispiritwalità hija dik tal-fidi, u l-fidi tidher fil-biċċa l-kbira tal-kitbiet li ġew trattati f'dawn l-istudji. L-istudju ta' Charlò Camilleri "'Hi Torri li għandu Sisien Fondi Ħafna' – il-Parabbola tat-Tradizzjoni f'*La Jibnazza Niġi Lura*" jdur mal-mistoqsija ta' kemm it-tradizzjoni, raffigurata fit-torri, għalkemm mibnija fuq pedament sod, għandha tibqa' dejjem wieqfa, u dwar jekk dak li jgħodd hux it-tradizzjoni nfisha jew il-pedament li fuqu hija msawra. Fil-ħsieb ta' Friggieri, il-bniedem ta' fidi huwa dak li kapaċi jmur aktar 'il hemm minn dak li nbena waqt li jibqa' jibni fuq il-pedamenti sodi li jibqgħu dejjem hemm, ġewwa l-art, li l-ebda terremot ma jista' jwaqqa'. Fl-istudju tiegħi, "Il-Paradoss tas-Salib fit-*Tislima lil Kristu Sidna: Quddiem il-Kurċifiss*" il-fidi kif jifhimha Friggieri toħroġ bħala vjaġġ ta' akkumpanjament ma' Kristu

fit-tbatija tiegħu, stedina lil min jemmen biex jimtedd ma' Kristu fuq is-salib, iħares lejn wiċċu u jomgħod il-paradoss li jiġbor fih li jsib ir-risposti fis-silenzju.

Fl-aħħar nett, it-tema tan-nazzjon li nistgħu ngħidu toħloq pont bejn l-istudji kollha. Għalkemm il-poeżiji u l-kitbiet ta' Friggieri mhux dejjem iseħħu f'post definit, il-kuntest, il-ħsieb u l-karattri huma dejjem Maltin u jirriflettu l-kultura u s-soċjetà Maltija fis-sabiħ, l-ikrah u l-paradossi tagħha. Tassew, jekk inneħħu l-kuntest Malti mill-kitba ta' Friggieri, inkunu qed inneħħulha ruħha, l-ispirtu tagħha. Għaldaqstant nistgħu nagħlqu dawn il-ħsibijiet billi nsostnu li l-ispiritwalità fil-kitba ta' Oliver Friggieri hija vjaġġ interjuri lejn dak li huwa 'il hemm mill-bniedem magħmul minn individwi li jiffurmaw poplu, il-poplu Malti fejn l-identità u l-esperjenza Maltija hija l-mogħdija li twassal lill-Malti għad-destinazzjoni.

*Rev. Dott. Jonathan Farrugia hu lecturer anzjan fid-Dipartiment tal-Istorja tal-Knisja, il-Patroloġija u l-Arkeoloġija Paleokristjana tal-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta.*